7

TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 48/18/F

**Roberta Caruana**

**vs**

**Joe's Profile Aluminium**

Illum 31 t'Awwissu, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-22 ta' Marzu, 2018 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' erba' mitt ewro (€400), rappreżentanti l-prezz ta' żewġ twieqi tal-aluminium li allegatament twaħħlu ħażin.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet ordnat żewġ twieqi tal-aluminium u wara li twaħħlu dawn, kien hemm il-vojt mat-twieqi, u t-tieqa ma kinitx iddur.

L-intimat issottometta illi hu kien ċekken it-twieqi għax dik kienet l-unika soluzzjoni u li t-twieqi twaħħlu tajjeb u huma sodi, u l-problema li twaħħal il-madum wara li twaħħlu t-twieqi ma kienx it-tort tiegħu.

It-Tribunal, iħoss illi l-intimat għandu obligu biex jassigura li x-xogħol hu dak mitlub mir-rikorrenti li jitwaħħal tajjeb u jkun ta' ċerta livell. Is-soluzzjoni kienet li jitwaħħlu dawn l-ispacer tubes madwar it-tieqa kollha. Jista' jagħti l-każ illi l-intimat induna li kien hemm l-injam u forsi ma ħax il-kejl tajjeb, pero' xorta jibqa' responsabbilta' tar-rikorrenti li tassigura li x-xogħol huwa tajjeb.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' tliet mitt ewro (€300), b'dan illi t-twieqi jiġu propjeta' tal-intimat wara li jitneħħew, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888